

It-Tlieta 10 ta' Diċembru 2013

P7_TA(2013)0526

L-importazzjoni taċ-ċanga ġeja minn annimali li ma jkunux ġew ittrattati b'ċerti ormoni li jinkoraġġixxu t-tkabbir u rigward id-dazji ogħla applikati mill-Istati Uniti għal ċerti prodotti tal-Unjoni Ewropea ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika rigward l-importazzjoni taċ-ċanga ġeja minn annimali li Ma jkunux ġew ittrattati b'ċerti ormoni li jinkoraġġixxu t-tkabbir u rigward id-dazji ogħla applikati mill-Istati Uniti għal ċerti prodotti tal-Unjoni Ewropea (14374/2013 – C7-0377/2013 – 2013/0324(NLE))

(Approvazzjoni)

(2016/C 468/40)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14374/2013),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Memorandum ta' Qbil rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-ċanga ġeja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal ċerti prodotti tal-Unjoni Ewropea (14375/2013),
 - wara li kkunsidra t-talba min-naħa tal-Kunsill għal approvazzjoni b'konformità mal-Artikolu 207 paragrafu 4, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0377/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0427/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Memorandum ta' Qbil rivedut;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerika.